MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 42/2005

Guzeppi Grech u martu Golina Grech

Vs

Emanuel Sultana u martu  Marthese Sultana

Il-Qorti,

**Pensjonant – Likwidazzjoni ta' danni wara griehi li sofra ragel ta' 76 sena f'incident tat-traffiku.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-4 ta' Mejju 2005 li permezz taghha l-atturi ppremettew li waqt li l-attur kien Triq Ninu Cremona, Rabat, Ghawdex, fit-tletin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (30.11.2004) u jigbed ir-rota tieghu, safa gravement ferut u r-rota tieghu sofriet hsarat meta gie imtajjar mill-vettra KBF 287 misjuqa mill-konvenut kif ukoll jirrizulta mill-iskizz u okkerrernza redatti mill-pulizija.

L-imsemmi incident sehh unikament minhabba nuqqas ta' *proper look-out*, sewqan negligenti u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

U premess illi b'konsegwenza tal-feriti li garrab, l-attur baqa' jbati minn debilita' premanenti f'gismu kollu, kif jigi dettaljatament ippruvat fil-mori tal-kawza u kif ukoll jirrizulta mill-annessi certifikati medici (Dok. GG2 u GG3) u konsegwentement l-atturi sofrew danni emergenti kif ukoll lukri cessanti, kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tat-trattazjoni tal-kawza.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjarahom unikament responsabbli ghall-incident li sehh fi Triq Ninu Cremona, Rabat, Ghawdex, fit-tletin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (30/11/2004) u jigbed ir-rota tieghu, l-attur safa gravement ferut u r-rota garrbet hsarat meta gie imtajjar mill-vettura KBF 287 misjuqa mill-konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti li jirrizultaw waqt it-trattazjoni tal-kawza.

3. Tikkundannahom ihallsu dawn id-danni hekk likwidati.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fil-15 ta' Gunju 2005 (fol. 17) fejn eccepew:

1. Il-pretensjonijiet ta' l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi mhuwiex minnu illi l-attur safa imtajjar izda kien hu stess illi b'nuqqas ta' zamma ta' *proper lookout* u sewqan negligenti baqa' diehel f'vettura li kienet ipparkjata b'mod temporanju.

2. Illi in oltre, l-attur sofra biss griehi ta' natura hafifa u kien il-konvenut Emanuel Sultana stess li insista mieghu sabiex imur l-Isptar u sabiex isir rapport mal-Pulizija

stante illi l-attur Guzeppi Grech stess hass li ma kellux imur l-Isptar u kien ser jitlaq lejn id-dar.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jirizulta anke mic-certifikat medici esebiti illi tali allegati feriti rrizultaw biss xhur wara l-incident u ghaldaqstant ma humiex necessarjament strettament relatati ma l-istess incident.

4. Illi in oltre, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante l-eta' avvanzata ta' l-attur, dina l-Onorabbli l-Qorti ma tistax tillikwida ebda ammont kemm bhala danni emergenti u anke bhala lukri cessanti u dana stante li ma jezistix il-kaz la ta' danni emergenti u lanqas ta' lukri cessanti.

Rat l-atti tal-kawza fosthom ir-rapport gudizzjarji (Dr. Angele Formosa fol. 59-67, Martin Micallef fol. 79-80 u Dr. Anton Grech fol. 98-106).

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza hi dwar incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Novembru 2004 fi Triq Ninu Cremona, Rabat, Ghawdex. M'hemmx dubju li sehh impatt bejn il-vettura (KBF 287) tal-konvenut u r-rota tal-attur. Fil-fatt permezz ta' l-ewwel eccezzjoni l-konvenut eccepixxa li l-incident gara tort tal-attur li baqa' diehel fil-vettura tal-attur li kienet ipparkjata. Minn Triq Ninu Cremona, Rabat il-vetturi jistghu biss jinzlu sabiex johorgu ghal fuq Triq Fortunato Mizzi.

2. Inghataw verzjonijiet kontrastanti dwar il-mod kif sehh l-incident:-

(a) L-attur isostni li hu kien tiela' t-tela' jimbotta r-rota u l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qeghda tirriversja u laqtitu minn wara.

(b) Il-konvenut isostni li l-vettura tieghu kienet wieqfa u kien hiereg minn go fiha meta l-konvenut baqa' diehel fih; *"….jirrizulta bl-aktar mod car illi l-incident sehh meta l-attur Giuseppi Grech baqa' diehel fil-vettura tal-konvenut minn wara. Dan il-fatt huwa wiehed car daqs il-kristall u d-dinamika ta' l-incident ma toffri ebda lok ghal kwalsiasi interpretazzjoni ohra."*[1].

Ghal dak li huma provi dwar kif sehh l-incident kull m'hemm fl-atti huma l-verzjonijiet tal-attur u tal-konvenut u dak li jirrizulta mill-okkorrenza tal-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz.

3. Ghal dak li hu dinamika tal-incident, il-Qorti hi moralment konvinta li l-incident ma sehhx bil-mod li ddeskrivieh il-konvenut. Hemm certi ndikaturi ta' fatt li jikkonfermaw il-hsieb li ghandha l-Qorti:-

(a) Hsara fil-parti ta' quddiem tar-rota ma kienx hemm. Fl-okkorrenza li ghamel is-surget PS369 Joseph Mizzi jinghad li: *"The only damages noted on the bicycle were two broken spokes from the rear wheel. It was also noted that both front and rear bicycle wheels turned perfectly and the rim was still round and perfect. Also the tyres were still inflated. The bicycle's steering and driver's seat were in good order."* (fol. 96). Kif tajjeb osservaw l-atturi, li kieku l-incident ghaliex waqt li l-attur kien qieghed isuq ir-rota baqa' diehel fil-vettura stazzjonarja tal-attur[2], m'hemmx dubju li kienet issir xi hsara fil-parti ta' quddiem tar-rota tal-attur. Dan iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li t-triq fejn sehh l-incident hi ghan-nizla. Mill-provi rrizulta li ma saret l-ebda hsara fil-parti ta' quddiem tar-rota. Dan apparti l-fatt li fuq bazi ta' probabilita' l-griehi li kien isofri l-attur kien jinkludi wkoll brix. It-tabib Joseph Rapa li dakinhar tal-incident kien immedika lill-attur fl-emergenza spjega: *"Li nista'*

[1] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut fid-9 ta' Gunju 2008.
[2] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti jinghad: ***"Di fatti jirrizulta bl-aktar mod car illi l-incident sehh meta l-attur Giuseppi Grech baqa' diehel fil-vettura tal-konvenut minn wara."*** (fil-parti ntestata 'DINAMIKA TA' L-INCIDENT').

*nikkonferma hu li meta l-pazjent gie ammess l-Isptar dahal unikament minhabba l-ferita f'rasu. Ma kellu l-ebda ksur jew feriti ohra fl-ebda parti tal-persuna tieghu."*[3].

(b) Il-verzjoni moghtija mill-konvenut lill-pulizija tghid li fil-hin ta' l-incident il-vettura tieghu kienet wieqfa u kien hiereg mill-vettura (fol. 7). Pero' qal ukoll li *"nghid li f'daqqa wahda smajt tahbita fuq wara.* ***Jiena soqt mal-metru u nofs l-isfel u waqaft ghal kollox****"* (enfazi tal-Qorti - fol. 7). Jekk kif qal il-konvenut fil-mument ta' l-incident kien diga' pparkja u sahansitra kien hiereg minnha, x'kienet ir-raguni li*"jiena soqt mal-metru u nofs l-isfel u waqaft ghal kollox."* (fol. 7) ? Il-konvenut ma ta l-ebda twegiba. Meta xehed in kontro-ezami qal:-

*"L-Avv. Grazio Mercieca: Wara id-daqqa, inti mexxejtu l-van ?*
*Xhud: Bqajt fejn kont, il-van kien mitfi, kont hiereg."* (fol. 84). Kompla jghid:
*"Xhud: Wara li ingibditli l-attenzjoni li dakinhar ghidt illi soqt metru u nofs wara li hassejt il-habta nghid, li issa ma niftakarx jekk soqtx jew le wara li hassejt il-habta pero illum jidhirli li ma soqtx pero jekk soqt kont soqt"* (fol. 84).

Il-fatt li a *tempo vergine* qal lill-pulizija li hekk kif sehh l-incident saq mal-metru u nofs l-isfel hi fiha nnifisha ndizju li l-konvenut kien ghadu qieghed jaghmel manuvra. Dik tidher li kienet l-ewwel rejazzjoni tieghu kif sehh l-impatt, rejazzjoni li wiehed ma jifhimx jekk kif qal hu l-vettura tieghu kienet wieqfa u kien hiereg minnha.

(c) Il-konvenut qal: *"****hsibt li lqatt xi tabella jew xi haga****, izda meta hrigt sibt lil dan is-sinjur hemmhekk fl-art."* (fol. 83). Meta vettura tkun wieqfa m'huwiex verosimili li sewwieq ighaddulu hsieb simili ghaliex *"…tisma' tahbita mal-vann fuq in-naha ta' wara fuq in-naha tax-xellug tal-vettura."*[4]. Biex il-konvenut qal dan il-kliem bilfors li fil-hin ta' l-incident kien qieghed jaghmel manuvra bil-vettura. Jekk kif qal il-konvenut fil-hin ta' l-incident il-vettura kienet

[3] Seduta tas-16 ta' Dicembru 2005 – fol. 30.
[4] Xhieda tal-konvenut (fol. 83).

wieqfa u kien qieghed jiftah il-bieba biex jinzel (kif xehed il-konvenut), il-logika u r-raguni jghidulek li ma setax haseb li kien laqghat *"…xi tabella jew xi haga."*. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel perfettament mar-ragunament li ghamlet il-perit legali.

Fir-rigward tad-dinamika tal-incident hu verosimili li, kif irrelatat il-perit legali, l-incident sehh meta l-attur kien qieghed jaghmel manuvra ta' *reverse*. Ghalkemm il-konvenut argumenta li ma kellu l-ebda skop ghalfejn jaghmel manuvra simili ghaliex fuq in-naha tat-triq fejn waqaf ma kien hemm l-ebda vettura weqfin, dan il-fatt wahdu ma jfissirx li l-opinjoni tal-perit legali m'ghandix mis-sewwa. L-indikaturi ta' fatt u mir-*res gestae* kif jirrizultaw oggettivament, jidher li fir-realta' l-konvenut kien qieghed jaghmel manuvra ta' *reverse*; Il-Qorti kellha l-opportunita' li tmur fuq il-post fejn sehh l-incident u rat il-konfigurazzjoni ta' Triq Ninu Cremona. It-triq fiha zewg karreggjati li jiehdu ghal Triq Fortunato Mizzi, il-karreggjata ta' barra ghal dak il-vettura li jridu jdur fuq ix-xellug u l-karreggata ta' gewwa ghall-vetturi li jduru fuq in-naha tax-xellug. Triq Ninu Cremona hi ghan-nizla. Hu maghruf li *"il-kondotta tar-'reversing' kienet tiddettalu prudenza massima u vigilanza kostanti. Kif ukoll ammonit "keep a good look out all the time you are moving backwards and always be ready to stop" ("Driving:The Department of Transport Manual" pag.112). Ara fir-rigward decizjoni fl-ismijiet "***Peter Attard –vs- Julian Gauci***, Prim'Awla, Qorti Civili, 7 ta' Jannar 1988."* (**Elmo Insurance Services Limited et vs Joseph Bonnici** deciza fl-20 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti ta' l-Appell [Sede Inferjuri][5]). Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-manuvra ta' *reverse* kontra s-sinjal tat-traffiku kienet fiha nnifisha tmur kontra r-regolamenti tat-traffiku.

B'riferenza ghall-verzjoni moghtija mill-attur, il-Qorti ma tqiesx li hu verosimili li fil-hin tal-incident *"Jien kont fuq il-bankina mal-hajt, u ir-rota ukoll kienet 'il gewwa mil-bankina, jigifieri fuq il-bankina"* (seduta tas-17 ta' Frar 2007 - fol. 75). Dan ma jistax ikun in kwantu ma tressqet l-

[5] Imhallef P. Sciberras.

ebda prova li l-vettura misjuqa mill-konvenut telghet fuq il-bankina. Inoltre l-marki tad-demm fit-triq (ara skizz a fol. 9) huma fihom infushom indikatur li l-impatt sehh fit-triq. Dan apparti l-fatt li fl-okkorrenza tal-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz ma jissemmiex dan il-fatt. Inoltre, mill-atti jirrizulta li anke t-tobba li ezaminaw lill-attur kienu ccertifikaw li *"**on being taken to hospital he was found to be amnestic for the accident** and exhibited a lacero-contused wound in the left parietal region."* (enfazi tal-Qorti - fol. 11). It-Tabib Joseph Rapa xehed: *"Rajt lil Joseph Grech fit-30 ta' Novembru 2004. Kont nahdem l-Emergenza l-Isptar,Ghawdex u rajtu wara li nstab fl-art wara allegat incident tat-traffiku….. **u ovvjament ma kienx jiftakar hu x'gara** u dahhalnieh dak il-hin ghall-observation l-Isptar."* (seduta tas-16 ta' Dicembru 2005) [fol. 29]. Min-naha tal-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn kien qieghed fit-triq gialadarba ma kienx riekeb fuq ir-rota. Il-kwistjoni dwar jekk il-pedestrian ghandux negligenza kontributorja hi kwistjoni ta' fatt. Il-qorti hi tal-fehma li l-konvenut:-

(a) B'uzu ta' attenzjoni ragonevoli seta' facilment sar jaf bil-prezenza tal-attur fit-triq. Gialadarba l-Qorti temmen li fuq bazi ta' probabilita' l-attur kien qieghed jaghmel manuvra ta' *reverse* f'post fejn ma kellix issir, kellu juza prudenza kbira jekk iddecida xorta li jaghmilha;
(b) Kellu bizzejjed hin u mezz biex jevita li jpoggi lill-attur f'periklu b'uzu ta' attenzjoni ragonevoli wara li jsir jaf bil-prezenza tieghu fit-triq;
(c) B'mod negligenti naqas milli jaghmel uzu mill-hin u mezz biex jevita l-hsara lill-attur, u ghal dik ir-raguni laqtu bil-vettura bil-konsegwenza li laqtu bil-vettura, waqa' u wegga'.

Il-Qorti tistqarr li m'ghandix bizzejjed informazzjoni biex tasal ghal konkluzjoni li l-attur hu vittma tan-negligenza tieghu stess u f'kull kaz ma saret l-ebda allegazzjoni simili min-naha tal-onvenut. Ghalkemm m'hemmx dubju li l-attur kien qieghed fit-triq meta sehh l-impatt, dan il-fatt fih innifsu ma jistax iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li kien hemm ukoll negligenza tal-attur.

4. Ghal dak li huma danni jirrizulta li qabel l-incident mertu tal-kawza l-attur, ghalkemm kellu 76 sena, kien ragel attiv u ma kienx qieghed isofri mill-kondizzjoni medika. Il-problemi u kumplikazzjonijiet fis-sahha tal-attur bdew ftit wara li sehh l-incident tant li kellu jigi operat darbtejn minhabba *"subdural haematoma"*. Skond ma rrelata l-perit mediku Dr. Anton Grech: *"Il-kwalita' tal-hajja wara dan l-incident inbidlet kompletament. Huwa ma baqghax jista' jghix indipendenti u jkun irid lil xi hadd mieghu il-hin kollu.* ***Huwa zviluppa wkoll diffikultajiet mentali, li jikkwalifkawh biex jinghata d-dijanjosi ta' dementia."*** (fol. 105). Kundizzjoni li certament teffetwa l-memorja u l-attenzjoni tal-persuna u li biz-zmien tista' twassal ghal dizorjentament ghal dak li jikkoncerna zmien, post u persuna. Mill-provi rrizulta li ghalkemm l-attur kellu 76 sena, qabel l-incident kien ragel attiv. Fil-fatt kien ghadu jsuq ir-rota, jahdem fir-raba' u jaghmel xoghol fil-knisja tax-Xewkija. In oltre skond it-tabib Dr. Teddie G. Farrugia (it-tabib tal-familja Grech): *"Prior to this accident Mr. Grech was fully fit and healthy. He never suffered from any serious ailment and he was not on any medical treatment."* (fol. 108[6]). Il-Qorti qeghda tifhem li *subdural haematoma* hi tip ta' blod clot li tizviluppa bejn il-mohh u dak maghruf bhala *subdural space*, u li fil-kaz odjern flimkien mal-*brain atrophy* (li jidher li kienet tezisti qabel sehh l-incident kunsidrat ukoll l-eta' avvanzata tal-attur) wasslet sabiex ikollha effett fuq il-mohh u l-attur zviluppa wkoll *dementia*. Il-perit mediku spjega li *"….jekk wiehed jikkonsidra li hafna nies normali jiffunzjonaw fil-livell ta' 90%, din id-dementia gabitu b'dizabilita li hija ta' l-inqas ta' 50% fuq il-kapacitajiet psikologici, socjali u ta' xoghol tieghu."* (fol. 106). Dan wara li l-perit mediku ezamina l-attur u bl-applikazzjoni tal-*Global Assessment of Functioning*[7] ikkonkluda li qieghed fl-iskala 31-40. Pero' wiehed ma ghandux jinsa li suppost dak li ghandu jigi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, imma l-effett li l-hsara ghandha fuq il-qligh tal-persuna offiza. Fir-rigward ta' *subdural haematoma*, il-

---

[6] Dikjarazzjoni guramentata datata 20 ta' Frar 2007.

[7] Il-Qorti tifhem li din hi sistema ta' skali numerici li jintuzaw minn psikjatri biex jaghtu rata tal-funzjonament tal-bniedem mill-aspett socjali, ta' xoghol u psikologiku.

konsulent Antone Zrinzo spjega: *"Dawn huma post trauma injuries. Old Age hu contributing factor izda dawn is-subdurals zgur li dawn ma jigux wahedhom."* (fol. 68). Ghalkemm ix-xhud ikkonferma li ma setax ikun *"….cert illi dawn it-traumas gew mil-accident ghaliex kien hemm moghdija taz-zmien….* ***Huwa ben not illi wara accident dawn l-affarijiet ma johorgux mil-ewwel****. Izda ta' min jinnota illi fis-CT Scan li sehh gimgha wara l-accident, dawn ic-cappap kienu gia jidhru imma ma kienux kbar bizzejjed."*[8]. Ghalkemm l-ewwel operazzjoni fuq l-attur saret fit-22 ta' Frar 2005 (l-incident sehh fit-30 ta' Novembru 2004) b'daqshekk ma jfissirx awtomatikament li din il-kundizzjoni zviluppat minhabba xi raguni estraneja ghall-griehi li garrab l-attur fl-istess incident. Il-qorti hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabilita' l-griehi kienu rizultat dirett tal-incident. Il-psikologu Martin Micallef spjega li wara l-incident: *"Mill-aspett tal-kwalita' pero' zgur li kien hemm* ***deterjorazzjoni fil-kwalita' tal-hajja tieghu*** *u dan peress illi biex seta' jzomm dik it-tip ta' attivita' li kellu qabel ma sehh l-incident u fl-eta' li kellu, kien bilfors li kellu cognitive faculties tajbin."* (fol. 125). L-attrici spjegat li qabel l-incident zewgha kien *"…pensjonant. Kien iqum filghodu jiftah il-knisja tax-Xewkija u jisma il-quddies. Kien idoqq il-paternoster. Imbaghad kien jigi id-dar jiehu il-kafe'. Hu kien imur ma l-erbgha u kwart u l-quddiesa kienet tohrog fil-hamsa u nofs. Kien jitla r-Rabat meta kien ikollu bzonn jixtrili u x'hin jigi jaqbad u johrog u jmur go l-ghalqa. Ahna noqghodu x-Xewkija."* (fol. 75).

Fir-rigward id-danni reklamati, l-atturi spjegaw[9]:-

(a) *"L-attur huwa pensjonant, u ghalhekk, ma sofriex nuqqas ta' dhul kawza tal-accident. Naturalment wiehed irid iqis illi kawza tal-incident, il-life span tieghu, tnaqqset konsiderevolment u ghalhekk sejjer igawdi l-pensjoni ghal ferm inqas tul ta' zmien."*. Ma tressqet l-ebda prova medika li b'rizultat tal-griehi li sofra l-attur naqset *"..il-life span tieghu."*;

---

[8] Seduta tal-1 ta' April 2006 (fol. 68).
[9] Ara nota ta' sottomissjonijiet.

(b) Hlas ta’ medicini. L-atturi jsostnu li mill-pensjoni l-attur *“….irid ihallas ghal medicina, fosthom pilloli ghad-dementia li tiswa Lm25.27 (58.53 euros) u li sservi erbatax-il jum. Din il-medicina tittiehed minhabba n-nuqqas ta’ memorja u allura trid tibqa’ tittiehed ghal dejjem. Dan apparti medicini ohrajn u spejjez ta’ konsulti ghand tobba GP’s u specjalisti”* (fol. 135). L-attrici ghamlet riferenza ghal Dok. GG1 li hu dokument datat 23 ta’ Settembru 2006 u nkiteb fuq letterhead ta’ l-isptar generali ta’ Ghawdex fejn hemm isem l-attur u tissemma l-kelma Exelon[10]. Medicina li tinghata ghal mard ta’ alzheimer’s u hi ntiza biex ittejjeb il-mod kif jiffunzjona l-mohh. Pero’ ma tressqux provi dwar kemm l-attur dam jiehu din il-medicina u lanqas gew prezentati ricevuti. Mir-rapport tal-perit mediku jirrizulta li meta l-attur gie ezaminat (1 ta’ April 2006) kien qieghed jiehu medicina tad-*dementia*, Axura 10 mg darbtejn kuljum u medicina tad-*depression*, Orapram 20mg darba kuljum. Anke f’dan ir-rigward ma tressqux provi kemm l-attur ilu jiehu din il-medicina, l-ispejjez li ghamel u kemm ser jibqa’ jiehu din il-medicina. Madankollu ghal finijiet ta’ likwidazzjoni tad-danni l-Qorti xorta ser tqies spejjez ghax-xiri ta’ medicini.

(c) Telf ta’ qligh ghaliex ma baqax jahdem l-ghelieqi; *“L-attrici qalet li issa qieghed tonfoq Lm10 (23.29 euro) fil-gimgha ghall-ingridjenti tal-borma.”* (fol. 135). Irrizulta li llum il-gurnata l-ghelieqi (fihom kejl ta’ bejn erbgha u hamest itmiem) qeghdin jinhadmu mit-tfal. L-attrici spjegat li l-ghelieqi huma baghali *“…. Kien ikabbar patata, basal tewm, ful u li kien ihalli kien jaghmlu zara. Dawn il-prodotti konna nuzawh ghad-dar ghas-sena kollha. Kont naghti minn dawn il-prodotti lit-tfal ukoll. Iz-zara konna nbieghuha.”* (fol. 76). Qalet ukoll li prodotti tar-raba’ m’ghadhomx jiehdu u issa jridu jixtru. Fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2007 l-attrici ddikjarat: *“Peress illi l-attur ma setax ikompli jahdem fir-raba’ llum il-gurnata din ghaddiet f’idejn ulied l-atturi li qeghdin jahdmuha u jzommu l-prodott ghalihom.”* (fol. 116). Pero’ l-Qorti m’hijiex sodisfatta li tressqu provi sodisfacenti li hekk qieghed jigri u dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li

[10] Seduta tas-17 ta’ Frar 2007 – fol. 77.

m'huwiex verosimili li t-tfal m'humiex jaghtu prodott lill-ġenituri taghhom kif wara kollox kienu jaghmlu l-atturi qabel l-incident. F'kull kaz l-atturi messhom ghamlu arrangamenti li ghal bzonnijiet personali taghhom jibqghu jiehdu mill-prodott li taghti r-raba'. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-vittma ghandu obbligu li jimminimizza d-danni. Dan facilment seta' jsir f'dan il-kaz. Lanqas ma tressqu provi ta' x'introjtu seta' kellu l-attur minn dawn l-ghelieqi ghalkemm minn dak li qalet l-attrici xi tip ta' introjtu (zghir kemm hu zghir) kien hemm, u l-qorti ser tikkunsidrah bhala fattur meta tigi biex tillikwida d-danni.

(d) L-atturi argumentaw li l-Qorti ghandha tikkunsidra wkoll il-fatt li minhabba l-griehi li garrab l-attur ma setax iktar jigi fdat u ghandu bzonn *"…kura u attenzjoni 24 siegha kuljum….. Id-dipendenza ta' persuna fuq dawk ta' madwarha tqieset mill-Qrati taghna bhala forma ta' dannu kwantifikabbli fi flus ghas-servizzi li jridu jigu resi"* (fol. 135). Mill-provi ma rrizultax li kien qieghed isir xi hlas ghall-ghajnuna ghalkemm wiehed ma jeskludix li jsir xi hlas bhala rikonoxximent ghall-ghajnuna li tkun qeghda tinghata u l-qorti ser tkun qeghda tikkunsidra wkoll dan il-fatt ghal finijiet tal-likwidazzjoni ta' danni. Pero' ma rrizultax li minhabba li l-attrici kienet qeghda tghin lil zewgha kien wassal biex issofri xi telf finanzjarju. Dan apparti l-kwistjoni l-ohra jekk terzi persuni jistghux jirreklamaw f'isimhom danni direttament minghand il-persuna li hi responsabbli ghall-hsara li kkagunat lil dak li jisejjah bhala *"primary"* jew *"direct victim"* (fil-kaz taghna l-attur).

5. Dak li certament irrizulta mill-provi hu li l-incident kellu impatt negattiv fuq il-kwalita' tal-hajja tal-attur. Wara li sehh l-incident u l-attur kellu zewg operazzjonijiet u sar jiddependi fuq martu u ma baqax attiv kif kien qabel. F'kaz deciz mill-House of Lords fl-ismijiet **Boys vs Chaplin** (1971)[11] Lord Wilberforce u Lord Pearson kienu qablu li l-attur ma kellux *jus actionis* fl-Ingilterra ghaliex taht il-ligi Maltija kumpens seta' jinghata biss ghal telf finanzjarju;

[11] Kawza li kienet tittratta incident tat-traffiku li kien sehh f'Malta.

*"non-economic damage (pain and suffering, loss of amenity) was not actionable"*[12]. Hekk ukoll fil-kawza **Michael Butler vs Peter Christopher Heard** deciza fit-22 ta' Dicembru 1967 il-Qorti ta' l-Appell osservat: *"S'issa l-ligi taghna – kif ga gie rilevat fis-sentenza appellate – tipprovdi ghal kumpens ghat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri ghal-ligijiet ta' pajjizi ohra progressive li jipprovdu anki ghal kumpens – xi drabi l-uniku possibbli, ghat-telf personali li jinkludu…… loss of the pleasures of life; actual shortening of life, and at least in some cases, mere discomfort and inconvenience…. Ta' min jawgura illi din il-fergha tal-ligi taghna ma ddumx ma tigi kif jixraq riformata."*. Ghal darb'ohra, il-Qorti ssostni li wasal iz-zmien li l-legislatur jintervjeni sabiex jirregola dak li jissejjhu bhala *"non-pecuniary losses"*. M'hemmx dubju li jezistu kazijiet fejn ghalkemm l-incident ma jkollux impatt fuq il-qligh (attwali u futur) tad-danneggjat, ikollu effett fuq il-kwalita' ta' hajja tieghu. Fuq l-aspett teoretiku il-ligi dwar *tort* hi bazikament dik li tissejjah bhala sistema ta' gustizzja korrettiva; l-iskop ta' din il-ligi hu li ggieghel *"….a person whose morally culpable behaviour has violated another's autonomy to restore the latter as nearly as possible to his or her pre-injury status… the purpose of tort law is to correct past injustices, not to deter future behaviour of other potential wrongdoers nor to compensate victims of misfortune whose misfortune is not directly caused by the morally culpable conduct of another."*[13]. Dawn it-tip ta' danni (li jinkludu *loss of amenities*) huma difficli biex tikkwantifikahom u hemm ukoll kontroversji jekk ghandux ikun hemm *capping*. Sistema li tirrikonoxxi dawn it-tip ta' danni tkun qeghda tirrikonoxxi l-aspett personali tal-hsara fejn m'hemmx inkluz il-konsegwenzi finanzjarji li jkun sofra l-vittma. Fil-kawza **H. West & Son Ltd v. Shephard** (1964) Lord Reid spjega:*"There are two views about the true basis for this kind of compensation. One is that the man is simply being compensated for the loss of his leg or the impairment of his digestion.* ***The other is that his real loss is not so***

[12] Ara decizjoni tal-House of Lords **Harding vs Wealands** (2006), l-opinjoni ta' Lord Hoffman.

[13] Dewees, Duff and Trebilcock, *Exploring the Domain of Accident Law: Taking the Facts Seriously* (1996) pagna 8.

***much his physical injury as the loss of those opportunities to lead a full and normal life which are now denied to him by his physical condition – for the multitude of deprivations and even petty annoyances which he must tolerate.”***. Ghalhekk il-kuncett ta' *loss of amenities* jirrelata ghat-telf tal-kapacita' li l-vittma tgawdi l-hajja bil-mod li kienet qabel l-incident. Birkett LJ fil-kaz **Manley v Rugby Portland Cement Co Ltd** (1951) spjega: *“There is a head of damage which is sometimes called loss of amenities; the man made blind by the accident will no longer be able to see the familiar things he has seen all his life; the man who had both legs removed will never again go upon his walking excursions – things of that kind.”*. Il-flus ma jistghux jixtru dawn l-affarjiet. Hi ghal gudikant biex jiddecidi xi tkun somma gusta ghall-konvenut biex ihallas biex jikkumpensa lill-vittma ghal dak li qieghed jigi deprivat minnu b'rizultat tal-incident. Fil-kaz **Smith v Central Asbestos Co. Ltd** (1972) Lord Denning spjega: *“it is impossible to know what is a proper sum for loss of the amenities of life. The judges are being asked to calculate the incalculable. The figure is bound to be for the most part a conventional sum.”*.

Ovvjament il-fatti jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Mod ghandek anzjan ta' 76 sena li jqatta' l-parti l-kbira tal-gurnata tieghu bilqeghda bla delizju u li jbaghati minn mard, u mod ghandek anzjan tal-istess eta' li jkun b'sahhtu u attiv. Il-gurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida *lucrum cessans* anke fejn mill-provi ikun irrizulta li strettament id-danneggjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligh attwali jew ghal quddiem[14]. Fil-kawza **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et** deciza fis-16 ta' Marzu 2004, gie osservat: *“Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li kumpensa ghal dizabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneggata ma titlef xejn mill-introjtu taghha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deciza minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta'*

[14] Ezempju klassiku hu l-kaz ta' mara tad-dar fejn il-Qrati argumentaw li x-xoghol li taghmel fid-dar xorta ghandu jinghata valur ekonomiku ghal finijiet ta' lucrum cessans u li ghandha tinghata kumpens ghall-griehi mgarrbin minnha f'incident dannuz.

*Lulju 1998 u diversi sentenzi ohra in materja.”*. Sewwa qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili[15] fil-kawza **Susanne Davis et vs Anthony Galea** deciza fl-10 ta’ Ottubru 1997 li *“Il-maggior parti tas-sentenzi taghna invece* ***jistriehu biss fuq il-fatt ta’ disabilita’*** *minghajr ma jsir ezami profond jekk dik id-dizabilita’ hijiex verament sejra tikkaguna telf futur.”*. Din hi r-realta’, minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qeghda tirregola l-effett li hsara ghandha fuq qligh attwali u tal-futur tad-danneggjat. F’dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawza **Joseph Caruana vs Joseph Gafa** deciza fid-29 ta’ Mejju 1998 regghet ikkonfermat li: *“Fl-izvilupp prezenti tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l-bzonn ta’ certezza u nuqqas ta’ ambigwita’ jimponu teorija li tezigi li kull tip ta’ disabilita’ permanenti twassal ghat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg taghha.”*[16]. Proposta li biha jigi rikonoxxut li d-danneggjat jigi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta’ l-hsara kellix effett fuq il-qligh attwali u tal-futur tad-danneggjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta’ inkapacita’ li jkun sofra.

Tajjeb li ssir riferenza ghal numri ta’ sentenzi li l-qorti tqies li huma rilevanti:-

(a) **<u>Joseph Smith vs Peter Grech</u>** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili[17] fl-4 ta’ Ottubru 1995, id-danneggjat kellu 67 sena u minkejja l-griehi li sofra xorta *“…kien u baqa ser jircievi l-pensjoni bl-increments kollha taghha.”*. Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skond il-Qorti, dik is-sentenza kienet tikkontempla *“danni futuri anke f’kaz li dawn, bhal fil-kaz in ezami, mhux ser jigu sofferti.”*.

---

[15] Imhallef Noel Arrigo.

[16] Fil-kawza li diga’ saret riferenza ghaliha fl-ismijiet **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et,** jinghad: *“Din il-Qorti laqnas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta’ dizabilita’ ghandu jxejjen il-possibilita’ li jigi akkordat kumpens u dan ghaliex il-grad ta’ dizabilita’ li jigi stabbilit permezz ta’ esperti in materja qieghed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, izda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun.”*.

[17] Imhallef Albert Magri.

(b) **<u>Francis Farrugia vs David Darmanin</u>** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[18] fil-21 ta' Marzu 2002. Id-danneggjat ma kienx jahdem ghaliex kien gie *boarded out* u kien qieghed jircievi pensjoni ta' dizabilita. Il-qorti xorta ghaddiet biex tillikwida d-danni bhala *lucrum cessans*. Il-Qorti spjegat: *"Illi madanakollu huwa ghandu jigi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jahdem."*. Dan minkejja li gie certifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegh futur tieghu. Il-qorti ghaddiet biex tillikwida d-danni fuq bazi ta' arbitrio *boni viri*.

(c) **<u>Saviour Sammut et  vs Robert Demanuele</u>** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[19] fit-12 ta' Lulju 2002. F'dan il-kaz id-danneggjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta ghaddiet biex tillikwida *lucrum cessans*.

(d) **<u>Sylvia Rosso vs Etienne Galea</u>** deciza mill-Prim'Awla tal-qorti Civili[20] fit-3 ta' April 2003. Fil-jum ta' l-incident (6 ta' Gunju 2000) l-attrici kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: *"Illi l-attrici wriet li, ghalkemm kienet armla, qabel l-incident kienet mara attiva li thobb il-hrug u z-zfin u kienet tivvjagga. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-incident…. Hija bir-ragun kollu tissottometti li bil-ligi jisthoqqilha tinghata kumpens ghall-griehi li garrbet, ukoll jekk qabel ma kinitx tahdem bi qligh, ghall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet izzomm id-dar hi bil-hidma taghha. Minbarra dan, hija write li kienet tgawdi minn stat ta' sahha tajjeb qabel sehh l-incident u ghalhekk kienet mistennija tgawdi minn zmien ta' hajja attiva ghal ghadd ta' snin ohrajn, li kieku ma kienx ghalih."*. Il-Qorti ghaddiet biex tillikwida l-kumpens misthoqq lill-attrici taht it-titlu ta' *lucrum cessans*.

(e) **<u>Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et</u>** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[21] fit-28 ta' Frar 2007. Fil-gurnata tal-incident l-attur kellu 73 sena u kien attiv hafna, jimxi fit-tul u jfendi ghal rasu. Wara l-incident kellu bzonn

---

[18] Imhallef Raymond Pace.
[19] Imhallef Geoffrey Valenzia.
[20] Imhallef Joseph R. Micallef.
[21] Imhallef Geoffrey Valenzia.

bastun, beda jsofri minn dipressjoni ghaliex ma setax ikompli jaghmel l-attivita' li kien jaghmel qabel. Il-Qorti ghaddiet biex tillikwida kumpens misthoqq lill-attur fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* taht it-titlu ta' *lucrum cessans*.

(f) **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004. Id-danneggjat kellu 74 sena u gie certifikat li qieghed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta ghaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rrizulta li bhala dhul kellu l-pensjoni u li l-incident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-qorti ggustifikat id-decizjoni li taghmel kalkolu tat-telf ta' qligh future minhabba *"l-ispejjez zejda li jkollu jaghmel minhabba d-dizabilta' tieghu dawn ifissru qliegh inqas ghalih…….".* Spejjez li mis-sentenza ma jirrizultax x'setghu kienu. Ghal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni ghalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta ghamlet uzu mill-formola li normalment tintuza f'kazijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' *lucrum cessans* u addottat multiplier ta' ghaxar (10) snin. Il-Qorti ta' l-Appell irriduciet il-multiplier ghal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proceduri.

Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta tal-fehma li l-intervent tal-legislatur ghandha sservi bhala mezz sabiex dak li qieghed jinghad fil-gurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-ligi.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* wara li qieset fost'affarijiet ohra l-eta' avvanzata tad-danneggjat fid-data tal-incident (76 sena); li mid-data tal-incident ghaddew kwazi erbgha (4) snin; it-tip ta' debilita' li qieghed isofri minnha; it-tip ta' hajja li kellu qabel l-incident u l-effett li dan l-incident kellu fuq il-hajja ta' kuljum b'mod li l-attivitajiet li kien jaghmel qabel ma setax ikompli jaghmilhom u sar dipendenti fuq martu; li d-dhul principali tieghu kien il-pensjoni u baqa' jippercepixxi dan id-dhul; li l-attur kien ilu s-snin li waqaf mix-xoghol u ma kienx probabli li jerga' jkollu xoghol bi qligh; xi telf ta' qligh li qabel kien qieghed jaghmel mill-bejgh ta' zara'; u l-kura li qieghed jiehu, ser tiffissa s-somma ta' tmint elef tmien mija u wiehed u hamsin euro u

tnejn u sittin centezmu (€8,851.62) ekwivalenti ghas-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltija (Lm3,800).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u:-

1. Tiddikjara lill-konvenut Emanuel Sultana responsabbli ghall-incident li sehh fit-30 ta' Novembru 2004 fi Triq Ninu Cremona, Rabat, Ghawdex.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tmint elef tmien mija u wiehed u hamsin euro u tnejn u sittin centezmu (€8,851.62) ekwivalenti ghas-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltija (Lm3,800).

3. Tikkundanna lill-konvenuti[22] jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmint elef tmien mija u wiehed u hamsin euro u tnejn u sittin centezmu (€8,851.62) ekwivalenti ghas-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltija (Lm3,800).

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[22] Pero' biss bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti li hi prezunta li tezisti fil-kaz ta' mizzewgin (ara Artikolu 1327 tal-Kodici Civili li jipprovdi li d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti jinkludi *"kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda)"*.